**Minuti tal-Laqgħa Nru 5 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30 p.m. | 9.40 p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.30 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.30 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.25 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.00 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.45 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30 p.m. | 9.40 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.30 p.m. | 9.10 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35 p.m. | 9.40 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

## 1.0 Korrezzjonijiet u Approvazzjoni tal-Minuti

Korrezzjonijiet – Minuti Laqgħa Nru 3

Item 6: Qabel intemmet ħesrem il-laqgħa il-kunsillier Alex Muscat qal li trid tidħol din is-sentenza:

"Kien se jittieħed il-vot. Ġie propost vot fuq l-imsemmija triq, liema vot ma laħaqx ittieħed".

Korrezzjonijiet –Minuti laqgħa nru 4

Item 3.01: il-Kunsillier Keith Cassar qal li s-sentenza ta' qabel l-aħħar tat-tieni paragrafu trid taqra hekk: "Għaldaqstant l-ammont ta' €99,923.76 ghandu jitħallas, barra l-ammonti l-oħra".

Item 4.01: Il-Viċi Sindku qal li wara l-aħħar sentenza trid tiżdied is-sentenza "Il-Kunsill kollu qabel".

Item 4.05: Il-Viċi Sindku qal li fit-tieni paragrafu irid jinbidel is-sens ta' l-ewwel sentenza u ssir taqra "Is-Sur Ray Abela ma setax jattendi".

Item 9.06: L-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu trid taqra: "Il-Kunsillier Alex Muscat tkellem dwar isem lil Sqaq ġo Triq il-Fortizza".

Is-sentenza tat-tieni paragrafu trid taqra: "Tkellmet Marthese Mifsud dwar ħadid li inqalgħu fi Pjazza Tabib Chetcuti u ma reggħux twaħħlu f'posthom".

Wara s-sentenza tat-tieni paragrafu trid tidħol din is-sentenza: "Il-Kunsilliera Marthese Mifsud semmiet li m'hemmx plakka ta' Charles J. Vassallo fi Trejqet Sant Anna".

Item 9.07: Dwar l-Aġent Segretarju Eżekuttiv il-Kunsillier Alex Muscat qal li s-sentenza ta' l-ewwel paragrafu trid tibda: "Ġie propost mis-Sindku u.........".

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati.

## 2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti

Dwar item 4.03 – Viilla Gollcher. Il-Viċi Sindku qal li wieħed irid jara l-ammont ta' flus li jiġu jiswew dawn il-water culverts. Huwa kompla li meta se jitneħħa l-ilma mit-toroq permezz tal-water culverts dan se jkun ta' gwadan għal kulħadd.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li peress li dawn il-ġibjuni ilhom fil-post għal tant u tant snin huwa jgħid li s-sid ta' Villa Gollcher għandu l-użu frutt tal-art".

Wara li saret diskussjoni il-kunsilliera kollha qablu li wieħed għandu jieħu parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill. Wieħed għandu jara xi tgħid il-liġi rigward il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-obbligi lejn dan ir-resident.

Sar suġġeriment biex ir-rapport tal-aġġudikazzjoni tal-offerti jiġi attaċċjat mal-minuti. Kulħadd qabel.

## 3.00 Materji Finanzjarji

3.01 Il-Kunsill approva l-ammonti li dehru fuq l-invoices wara li dawn gew rikonċiljati ma' l-ammont li jrid isir il-pagament fuqhom. Għaldaqstant l-ammont ta' €108,461.79 għandu jitħallas. Dawn il-pagamenti huma għall-perjodu 21.04.2012 sa 08.05.2012.

## 4.00 Korrispondenza

### 4.01 Laqgħa mas-Sindku u l-Kunsilliera – Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard

Il-Kunsill irċieva talba biex il-Kunsill Lokali Mosta jiltaqa' uffiċjalment mal-kumitat tas-Socjeta' Filarmonika Nicolo Isouard.

Il-Kunsilliera qablu li l-aħjar ġurnata tkun il-Ħadd filgħodu. Għandna niffissaw il-laqgħa għall-Hadd 20 ta' Mejju 2012 – ħin ta' filgħodu.

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li fl-istess jum tal-Ħadd filgħodu il-Kunsill Lokali għandu jitlob laqgħa ma' l-Arċipriet il-ġdid, Dun Albert Buhagiar.

**4.02 Patching fil-Mosta**

Din il-korrispondenza se tiġi diskussa f'Item 9 – Affarijiet Oħra

**4.03 Titwaħħal Tabella fil-Pjazza – talba mit-Talent Mosti**

Is-sur Joe Bartolo u Ms Rita Demicoli President u PRO rispettivament f'isem l'Għaqda Filantropika, Talent Mosti jiktbu lill-Kunsill dwar it-tabella tar-Razzett tal-Markiż li hemm fi Pjazza Rotunda. Qed jitolbu biex din tinbidel f'oħra akbar. It-tabella kienet saret mill-Malta Tourism Authority.

Il-Kunsill għandu jikteb lill-Malta Tourism Authority.

4.04 Is-Sur Christopher Camilleri, skrivan fi skala 11 fil-Customer Care Unit għamel talba lill-Kunsill biex jitla' fin-notch (increment) bl-arretrati b'effett mill-24 ta' Diċembru 2011. It-talba ġiet aċċettata.

4.05 Ms Rita Galea, skrivana fi skala 11 fil-Customer Care Unit għamlet talba lill-Kunsill biex tista' titla' fin-notch li jmiss bl-arretrati. It-talba tagħha ġiet aċċettata mill-Kunsill.

**4.06 Triq il-Waqqafa – One Way u Street Re-numbering**

- **Street Re-numbering**

  Illum Triq il-Waqqafa hija magħmula minn tliet biċċiet ta' toroq – kollha bl-istess isem u jġibu numri konsekuttivi għal kull biċċa minn kull triq. B'konsegwenza ta' hekk ir-residenti qed isofru ħafna probemi – l-istess numri għal kull biċċa triq u ittri jmorru għand residenti differenti. Saret petizzjoni mir-residenti biex fl-aktar parti tat-triq antika (1990) fejn qed jitolbu li huma jżommu Triq il-Waqqafa, bin-numri tagħhom jibqgħu dawk eżistenti u li ż-żewġ partijiet l-oħra jingħatawlhom ismijiet ta' toroq ġodda.

  Il-Kunsill għandu jikteb lil Street Naming Committee f'dan ir-rigward.

- **Triq il-Waqqafa issir One-Way**

  Ir-residenti ta' Triq il-Waqqafa qed jitolbu li t-triq tagħhom issir One-Way. Fil-preżent qed ikun hemm konġezzjoni ta' karrozzi, karrozza ta' l-Arriva laqtet u waqqgħet ċint u wieħed jistenna li jsir xi incident akbar.

  Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill jagħmel il-proposta tiegħu u wara tintbagħat ittra lill-Transport Malta għad-deċiżjoni. Il-Kunsill għandu mbagħad jikkonsulta mar-residenti u jara l-ħsebijiet tagħhom.

**4.07 Applikazzjoni mill-Mosta Libertas**

Il-Kunsill Lokali irċieva talba minn Mosta Libertas biex il-Kunsill Lokali jgħinhom fl-organizzazzjoni.

Il-Kunsill Lokali se ~~jgħin~~ jikkollabora ma AS Libertas Mosta billi jipprovdi tliet Wardens u jipprovdi żewġ trophies

Il-Kunsilliera qablu li tiġi diskussa Materja Nru 8 –Progress Reports

## 8.0 Progress Reports

- **Triq id-Dawr**

Is-Sindku elenkat lista ta' ittri li intbgħatu dwar Triq id-Dawr.

Intbgħatu ittri lid-Direttur u lill-Ministru tal-Gvern Lokali rigward dan il-każ. Il-Ministru għad irid jirrispondi l-ittra. Biss il-Ministeru ħabbar fil-gazzetta the Times ta' dik il-ġurnata li infetħet inkjesta dwar Triq id-Dawr.

Is-Sindku qalet li t-tieni opinjoni legali rikjest mill-Kunsill rigward dan il-każ qed isir minn Dr A. Depasquale.

Il-Kunsill għadu qed jistenna l-Istatus Report fuq Triq id-Dawr mingħand il-Perit tal-Kunsill is-Sur Charles Buhagiar. Is-Sindku ġa kitbet tliet darbiet lill-Perit. Huwa qed igħid li r-rapport kien bagħtu tliet ġimghat ilu lill-Kunsill imma fil-Kunsill ma hemm l-ebda evidenza ta' dan ir-rapport.

Il-Kunsill għadu qed jistenna l-invoice mill-kuntrattur V & C tax-xogħlijiet li saru fuq Triq id-Dawr.

Is-Sindku irrappurtat li hija konxja tas-saħħa u is-sigurta tar-residenti.

- **Tender tal-Latrini**

Intbgħatu ittri liż-żewġ bidders b'informazzjoni importanti li l-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni jħoss li għandu jiġbor. Din l-informazzjoni rikjesta għandha tasal fil-Kunsill sas-17 ta' Mejju. B'hekk sa l-aħħar ta' Mejju l-Kunsill ikollu risposta definita dwar it-tender tal-latrini.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-importanza li d-dokument tat-tender ikun jitlob li l-persuna responsabbli mil-latrini tkun preżenti fuq il-post tax-xogħol.

## 5.00 Triq il-Pont u l-One Way System

Is-Sindku fetħet id-diskussjoni billi tat rendikont minn Awwissu 2011 tal-korrispondenza li għaddiet ma' Transport Malta u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali u minn għand resident is-Sur Chris Attard mal-Kunsill u id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-materja. Hija qalet li f'dawn l-aħħar snin fi Triq il-Pont inbnew appartamenti ġodda. Dan ifisser li l-karrozzi komplew jiżdiedu u l-parkeġġ sar iżjed skars. Hija semmiet li huwa fatt li din it-triq fiha diversi konsiderazzjonijiet. Issemma' l-istabbiliment Save Wise, Il-musuem tal-Bniet, il-parti fejn t-triq tidjieq, l-iskola tal-Bniet Lily of the Valley, fost l-oħrajn.

Is-Sindku qalet li din il-materja ma ġietx diskussa fil-Kunsill preċedenti u r-residenti ma kienux ġew ikkonsultati. Kienu intbgħatu ittri lil Transport Malta u saru żjajjar fuq il-post minn uffiċjali tal-Awtorita' fuq ir-rikjesta' tal-Kunsill preċidenti li t-Triq issir one-way. Imma r-rapport tal-pariri li ngħata minn Transport Malta lill-Kunsill qatt ma wasal fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-Kunsill preżenti allura weħel multa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' 2556 Ewros.

Tkellem is-sur Chris Attard, resident fi Triq il-Pont li kien irsista biex din it-triq issir One Way u dan kompla jenfasizza dan il-pont.

Saret diskussjoni fejn ipparteċipaw il-kunsilliera kollha. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jaħseb fuq żewġ binarji u wara ssir laqgħa ma' Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha.

- Il-parking fi Triq il-Pont għandu jkun iddixxiplinat u kkontrollat bil-kaxex bojod.

  Isiru double yellow lines ħdejn il-Beauty Shop u double yellow lines fil-parti fejn it-triq tidjieq.

**6.00 Is-sitwazzjoni dwar il-lines sofor, kaxex sofor u bojod u reserved parking**

Saret diskussjoni dwar din il-materja fejn fiha ħadu sehem il-kunsilliera kollha. Ġie deċiż li mhux faċli li wieħed jieħu linja komuni għall-każijiet kollha f'daqqa. Għaldaqstant għandna nibqgħu nittrattaw kull każ individwali 'ad hoc' u l-Kunsill jikteb għall-approvazzjoni ta' Transport Malta .

Talbiet dwar linji sofor, kaxex sofor u bojod u reserved parking għandhom jinkitbu lis-Segretarju għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**7.00 Tenders li ġew Aġġudikati**

7.01 KLM 03/2011 – Provision for Services of a Maintenance Hand/Messenger for the Mosta Local Council

Għal din it-tender intefgħu żewġ offerti, dawk ta' Philip Azzopardi u Marco Briffa, l-istess handymen li kellu l-Kunsill qabel. Iż-żewġ offerti issodisfaw il-kriterji kollha tat-tender.

Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni ta rendikont ta' l-ispiża kollha li qed iħallas il-Kunsill kull sena għal dawn iż-żewġ handymen. Il-handymen kieneu qed jiswew lill-Kunsill €53,518 fis-sena. Fl-ammont hemm inkluż €7,800 li qed iħallas il-Kunsill fis-sena biex iżomm il-karrozza/ van ta' wieħed mill-handyman.

Is-Sindku semmiet li fil-preżent kienu saru arranġamenti fejn llum impjegati tal-MRRA u l-IPSL qed jgħinu lill-Kunsill Lokali mingħajr ma l-Kunsill iħallas għas-servizzi tagħhom.

Is-Sindku qalet li fid-dawl taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-Kunsill, l-istess Kunsill ma kienx jiflaħ iħallas €53,518 għaż-żewġ handymen. Għaldaqstant qed titlob lill-Kunsill biex jinżamm handyman wieħed. Kellu jinżamm il-handyman Philip Azzopardi, il-handyman bl-aktar snin ta' esperjenza.

Hawn saret diskussjoni. Is-Sur Alex Muscat qal li fost il-handymen, Marco Briffa kien jiswa lill-Kunsill 2% biss tal-allokazzjoni. Dr Tua qalet li l-Mosta se tkun wieħed mill-kunsilli kbar li jkollhom handyman wieħed biss.

Il-handyman Marco Briffa li kien preżenti għal-laqgħa talab spjegazzjoni kif il-Kunsill kien wasal għal deċiżjoni li f'dak li hu xogħol hu kien anqas mill-handyman l-ieħor. Is-Sindku wieġbet li s-Sindki preċedenti kienu kollha jfaħħru l-ħiliet tal-handyman l-ieħor u l-Kunsill ma kienx qed jiflaħ iżomm żewġ handymen fil-Kunsill.

Ħames kunsilliera, jiġifieri Alex Muscat, Brian Bezzina, Dr Rachel Tua, Mario Sammut u Kirby Fenech kienu jħossu li d-deċiżjoni li titwaqqaf persuna mix-xogħol hija deċiżjoni inġusta.

Hawn ittieħed vot. Il-mistoqsija kienet: "Il-Kunsill qed jaqbel li għandha tinżamm persuna waħda bħala handyman?".

Sitt kunsilliera is-Sindku, il-Viċi Sindku, James Cassar, Keith Cassar, David Meilak u Marthese Mifsud kienu favur.

Ħames kunsilliera Alex Muscat, Brian Bezzina , Dr Rachel Tua, Mario Sammut u Kirby Fenech kienu kontra.

Astensjonijiet : Ħatt

Il-mistoqsija għaddiet.

Il-Kunsill b'hekk għażel li jagħti il-kuntratt lil Philip Azzopardi u jirriserva d-dritt li jerġa' jikkunsidra l-kundizzjonijiet dwar l-użu tal-karrozza.

**7.02 KLM 09/2010 – Restoration of Shrines for the Mosta Local Council**

Kien hemm offerta waħda mitfugħa, dik ta' Agius Stone Works. Din il-kumpanija issodisfat il-kriterji kollha imsemmija fit-Tender Document.

Peress li x-xogħol ta' restawr tan-niċeċ suppost kien ilu li tlesta, il-kunsill talab lid-Dipartiment għal estensjoni ta' żmien. Id-Dipartiment aċċetta li x-xogħol isir sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju.

Is-Sindku tat dettalji dwar kif jistgħu jintefqu l- €10,000 allokati mid-Dipartiment biex isir ir-restawr tan-niċeċ.

Is-Sindku spjegat li meta tneħħi barra spejjeż bħal ħlas lill-perit u permessi tal-MEPA, kien jifdal biss 5000 Ewro. B'dan l-ammont kienu jistgħu jiġu restawrati żewġ niċeċ biss.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill dwar iż-żjara li għamel biex jispezzjona u jitkellem mas-sidien ta' xi wħud minn dawn in-niċeċ. Huwa qal li diffiċli ħafna li ssib dokumenti li juru minn huma s-sidien tan-niċeċ privati. Għaldaqstant sar qbil li l-Kunsill jagħżel biex jagħmel restawr ta' dawk in-niċeċ li jkunu f'post pubbliku u mhux okkupati minn sidien privati.

Il-Kunsillier Keith Cassar ġie inkarigat biex jagħżel liema jistgħu ikunu dawn in-niċeċ. Il-Kunsillier Alex Muscat offra li jgħin ukoll f'dan ir-rigward.

**9.0 Affarijiet Oħra**

9.01 Il-Viċi Sindku kellu laqgħa mas-Sur ~~Joe Gale~~a, Chairperson/Direttur TCTC. Huma tkellmu dwar żewġ courses iKids u iYouths li se jkunu organizzati mit-TCTC fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill kull ma se jħallas hija s-somma ta' €120 bħala administration charges. Il-Kunsill approva dan il-ħlas. Dawn il-courses se jkunu issussidjati.

9.02 Il-kunsillier Brian Bezzina talab lill-Kunsill biex l-Għaqda 15 ta' Awwissu jkunu jistgħu jużaw is-Sala tal-kunsill. Is-Segretarju Informa lis-Sur Bezzina biex jgħid lill-Għaqda jiktbu u jagħtu d-dettalji kollha lill-Kunsill.

9.03 Is-Sindku tat informazzjoni dwar id-devoluzzjoni Linesman Quarters lill-Kunsill. Il-Kunsill qiegħed fl-istadju li japplika għal din id-devoluzzjoni. Il-Kunsilliera qablu li issir din id-devoluzzjoni. Il-Post ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu ir-Ramblers u l-Old Motors Club.

9.04 Is-Sindku spjegat kif qed ikun imħaddem il-proċess tal-Patching. Fil-bidu l-Perit tal-Kunsill, il-kuntrattur u l-handyman imorru fuq il-post fejn jieħdu ritratti u jagħmlu l-marki tal-ħofor in kwistjoni. Jingħata il-works order mis-Segretarju Eżekuttiv . Wara l-kuntrattur jagħmel ix-xogħol u jmur mal-perit biex ikejlu u joħorġu l-invoice tax-xogħol li jkun sar. L-invoice tgħaddi għand il-Kunsill biex isir il-pagament.

9.05 Il-Kunsillier James Cassar talab informazzjon dwar it-talba li kien għamel fuq Double Yellow Lines fi Triq Rużar Mizzi. Is-Segretarju għandu jinforma lis-Sur Cassar dwar l-eżedu tal-każ.

9.06 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud talbet lill-Kunsill biex jiġu iffreskati l-linji li hemm f'Main Street minn San Ġużepp 'l fuq.

Hija talbet lill-Kunsill biex jikkonsidra jagħmel Stop Signs fit-toroq ta' kif tispiċċa Triq Baskal Buhagiar ( ħdejn iċ-Ċupa). Is-Segretarju għandu jitkellem mal-konsulent Josie Brincat, Transport Malta li ġa kien għamel żjara fuq il-post u ħareġ id-dettalji kollha.

9.07 Il-Kunsillier Brian Bezzina talab lill-Kunsill biex jikteb lill-Transport Malta dwar il-ħoss tat-Traffic Lights li ma jiinstemax (ma jdoqqx) fi Independence Avenue, hekk kif iddur mad-Dar ta' L-Anzjani.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.40 p.m.

**10.00 Aggornament**

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012.

| | |
|---|---|
| Dott Shirley Farrugia | ~~Philip Borg~~ JOHN J. CAMILLERI |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |